

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Każistika Nazzjonali](#) > [Ireland](#)

Każistika nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Irlanda

Irlanda



Din it-taqsimha tagħtik ħarsa ġenerali tal-ġurisprudenza Irlandiża kif ukoll deskrizzjoni u l-links tal-bażijiet ta' dejta tal-ġurisprudenza rilevanti.

Il-ġurisprudenza nbriet minn preċedenti jew deċiżjonijiet ta' qabel mill-qrati. F'ċerti ċirkustanzi dawk id-deċiżjonijiet jistgħu jkunu vinkolanti fuq qorti oħra, jekk il-fatti tal-kawża jkunu simili. Normalment ikun il-każ li d-deċiżjonijiet tal-qrati inferjuri jkunu konsistenti mad-deċiżjonijiet tal-qrati superjuri. Il-ġurisprudenza hija bbażata fuq żewġ duttrini: d-duttrina ta' stare decisis u d-duttrina ta' res judicata. Id-duttrina ta' stare decisis tfisser id-duttrina li l-preċedent hu vinkolanti. Id-duttrina ta' res judicata tfisser li l-kwistjoni diġà ġiet ġudikata.

Każistika disponibbli fuq websajt

Il-preżentazzjoni tad-deċiżjonijiet

Ħafna mill-każistika tal-qrati Irlandiżi hija disponibbli għall-pubbliku.

Il-każistika hija disponibbli bla ħlas fuq il-websajt tas -[Servizzi tal-Qrati Irlandiżi](#).

fir-rigward tal-Qorti Suprema, tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Superjuri (High Court)). Il-każistika tal-Qorti Suprema hija disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-Qorti Suprema tal-Irlanda (<http://www.supremecourt.ie>)

Il-każistika tal-Qorti Suprema hija disponibbli sa mill-2001; u fir-rigward tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Superjuri (High Court) sa mill-2004.

Il-każistika tal-Qorti Suprema, tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Superjuri (High Court) hija disponibbli wkoll bla ħlas fil-bażi tad-dejta [BAILII](#) (Istitut Brittanniku u Irlandiż dwar l-Infurmazzjoni Legali) u fil-bażi tad-dejta [IRLII](#) (Inizjattiva Irlandiża għall-Infurmazzjoni Legali).

Il-ġabriet li ġejjin huma disponibbli mill-websajt BAILII:

- Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema tal-Irlanda
- Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Irlandiża tal-Appell Kriminali
- Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Superjuri tal-Irlanda (High Court)
- Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità Irlandiża dwar il-Kompetizzjoni
- Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità Irlandiża dwar il-Kompetizzjoni (Deċiżjonijiet ta' Notifika)
- [Id-deċiżjonijiet tal-Kummissarju Irlandiż għall-Infurmazzjoni](#)
- [Il-każistika tal-Kummissarju Irlandiż għall-Protezzjoni tad-Dejta](#)

Ir-regoli dwar il-pubblikazzjoni

M'hemmx regoli vinkolanti dwar il-publikazzjoni tal-każistika fuq il-livell nazzjonali jew ta' qrati. Is-sospensjonijiet kollha ta' sentenzi tal-Qrati Supremi jiġu ppubblikati. (Dawn huma każijiet fejn l-imħallef/ il-qorti taġġorna għal perjodu ta' żmien biex tikkunsidra u tikteb is-sentenza.)

Is-sentenzi kollha mogħtija *ex tempore*, meta l-qorti ma tkunx aġġornat qabel tagħti s-sentenza, jiġu ppubblikati biss jekk ikun fihom punt ta' dritt partikolari jew jekk jiġi ordnat mill-qorti li ttihom.

Il-kontenut li jitpoġġa onlajn

dwar id-deċiżjonijiet tal-qrati ma jkunx anonimu sakemm ma jkunx meħtieġ mil-liġi jew ordnat mill-qorti. Il-liġi titlob li ċerti każijiet ma jinstemgħux pubblikament, u xi dispożizzjonijiet legali jeħtieġu li l-isem tal-vittma ma jiġix żvelat. F'deċiżjonijiet bħal dawn l-ismijiet ikunu anonimi.

Ikunu anonimi wkoll id-deċiżjonijiet kollha li jingħataw in camera jew sentenza li jkun fiha dejta personal sensittiva dwar xi parti jew xi xhud.

Qabel il-pubblikazzjoni fuq il-websajt, tingħata kopja fiżika tas-sentenzi lil:

- I-imħallfin kollha
- il-libreriji tal-professjonijiet legali:
 - I-Avukat Ġenerali,
 - I-Avukat Anzjan tar-Istat u
- Medda sħiħa ta' dipartimenti tal-gvern.

Links relatati

[Is-Servizz tal-Qrati tal-Irlanda](#)

■ L-aħħar aġġornament: 18/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.